MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 284/2009

**Bartolomeo Caruana**

**-vs-**

**Christine Caroline Bharwani u zewgha Michael Bharwani**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors mahluf li bih is-socjeta' attrici esponiet bir-rispett u bil-gurament ikkonfermat;

"1. Peress illi r-rikorrenti huwa kreditur tal-intimati fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf sitt mija u erbghin Ewro (€21,646) import ta' tliet cekkijiet li jgibu n-numru 30, 31 u 33 mahruga fuq il-kont tal-intimata bin-numru 40016346983 mal-Bank of Valletta plc., liema cekkijiet ma gewx imsarrfa mill-bank u gew riferiti lura lill-intimata – ara kopja hawn annessa mmarkata Dok "B",

2. Peress ghalhekk illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu;

3. Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex (1) taqta' u tiddeciedi l-kawza *ai termini* tal-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u *cioe'* bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u (2) tikkundannahom ihallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' €21,646 rapprezentanti l-import tal-imsemmija cekkijiet – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti u bl-imghax legali kalkolabbli mid-data tal-hrug tal-imsemmija cekkijiet, u *cioe'* mill-22/11/08 fuq €5000, mill-pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru presentat kontestwalment mal-prezenti kontra l-intimati li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti hemmn annessi.

Rat li l-konvenuti kienu debitament notifikati fit-22 ta' April 2009.

Rat li l-konvenuti msejhin tliet darbiet ma dehrux.

Rat in-nota tal-attur (*fol*. 5) presentata fl-24 ta' Marzu 2009 li permezz taghha naqqas it-talba tieghu ghal €16,646 wara pagament ta' €5000 fil-mori tal-kawza.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba attrici kif redotta tidher gustifikata u hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, a tenur tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' €16,646, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------